MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Numru. 507/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**JOSEPHINE (JOYCE) AZZOPARDI**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet permezz taghhom Josephine (Joyce) Azzopardi, ta' 43 sena bint Alfred u Tereza xebba Zaffarese, mwielda Pieta nhar 11 ta Jannar 1968 u tghix gewwa l-fond 60, Fuq Verdala, Bormla. Detentrici ta' karta tal-identita nru: 77868M

Giet akkuzata talli:

Nhar id-3 ta Marzu 2012 ghall habta tal 11:30AM gewwa Msida, ikkommettiet serq ta' 10€ ghad-danni Giovanna

Spiteri; liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, bil-Mezz, skond l-artikoli L-Artikoli 268(d) tal Kap 9 tal-Ligi ta' Malta

U aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi; bil-hsieb li jikkommettu serq ta' €10; ghad-dannu ta' Giovanna Spiteri; liema serq, li kieku sar, kien ikun aggravati bil persuna u bil mezz; liema delitt ma giex esegwit minhabba xihaga accidentali u indipedenti mill-volonta taghhom skond Art.41 (1)(a) tal-Kap 9.

Rat l-atti u d-dokument esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JM6 u nnutat li l-imputata Josephine (Joyce) Azzopardi m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammisjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammisjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammisjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Rat l-artikoli 17, 31, 261(b) u (d), 263, 268(d) u 41(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Josephine (Joyce) Azzopardi fuq ammisjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata u li l-imputata ammettiet fi stadji bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputata Josephine (Joyce) Azzopardi taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Josephine (Joyce) Azzopardi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------